MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 5/2008/1

**David Marinelli**

**v.**

**Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost minn David Marinelli, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza taghha kostituzzjonali u "konvenzjonali", fit-3

ta’ Lulju 2008, u jirrigwarda allegata vjolazzjoni tal-presunzjoni ta’ innocenza fi proceduri penali.

**2.** Fir-rikors promotorju tieghu prezentat quddiem l-imsemmija Prim Awla fil-11 ta’ Jannar 2008, David Marinelli (hawn aktar ‘l quddiem “l-appellant”) ippremetta illi fit-28 ta’ Gunju 2002 huwa kien gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat illi bejn il-5 ta’ Marzu 2002 u t-28 ta’ Marzu 2002, wara li kien sar jew kien intalab ordni ta’ investigazzjoni – ordni li jgib id-data tal-5 ta’ Marzu 2002 – fil-kapacita` tieghu ta’ Managing Director ta’ Portman Consultants International Limited, meta kien jaf jew kellu suspett li kienet qed issir investigazzjoni (taht l-Att dwar *Money Laundering*), kixef illi qeghda ssir investigazzjoni jew kixef xi haga ohra li setghet tippregudika dik l-investigazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmi att, Kap. 373. Fid-9 ta’ April 2003 il-Qorti Istruttorja iddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta’ akkuza. In segwitu ghal dan id-digriet saru diversi rinviji “u dan wassal sabiex il-procedura ta’ l-istruttorja nghalqet fis-seduta tal-21 ta’ April 2005”. Kompla fisser ir-rikorrent appellant li l-proceduri quddiem il-Qorti Inferjuri gew terminati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija fis-17 ta’ Mejju 2007 li permezz taghha huwa gie dikjarat mhux hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u konsegwentement illiberat. Fil-5 ta’ Gunju 2007, izda, l-Avukat Generali appella minn din is-sentenza u fl-20 ta’ Settembru ta’ dik l-istess sena l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali rrevokat is-sentenza ta’ l-ewwel qorti u minflok iddikjaratu hati skond l-akkuza originarjament dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50) konvertibbli f’ghaxart ijiem prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi – multa li giet minnufih imhallsa sabiex jigi evitat il-habs. Ir-rikors promotorju jkompli hekk:

“Illi l-proceduri kontra r-rikorrenti b’hekk hadu aktar minn hames snin, li meta wiehed jikkunsidra l-atti tal-proceduri dan jammonta ghal zmien irragjonevoli li matulu r-rikorrent thalla fi stat ta’ incertezza dwar il-posizzjoni tieghu, sitwazzjoni li sahansitra teffetwa l-ghixien tieghu, u li ghal

tali zmien irragjonevoli r-rikorrenti ma kkontribwixxa b'ebda mod;

"Illi l-andament tal-proceduri u s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija milquta minn presunzjoni ta' htija minkejja li ma giex pruvat li l-procedura interna tal-kumpanija waslet ghal xi divulgazzjoni ta' informazzjoni lil xi wahda mill-persuni indagati;

"Illi s-sejba ta' htija tar-rikorrent ghab-bazi ta' l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u l-eskluzjoni tal-buona fede tar-rikorrent biex b'hekk giet dizapplikata l-proviso ta' l-imsemmi artikolu tal-ligi, meta l-istess Qorti *'tqis il-kondotta* (tieghu) *incensurata'*, hija htija fondata fuq presunzjoni li tmur oltre u hija vjolattiva tal-presunzjoni tal-innocenza rikonoxxuta u protetta fl-ambitu tad-dritt ghal smigh xieraq kif [recte: kemm] taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula applikabbli bhala ligi f'Malta bil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Illi tali vjolazzjoni hija konsegwenza tal-applikazzjoni tal-provvediment ta' l-Artikolu 4(2) ta' l-Att kontra *Money Laundering* ghall-kaz tar-rikorrenti u ta' interpretazzjoni ta' l-istess provvediment ghal kaz tieghu."

**3.** Premess dan kollu, ir-rikorrent – appellant f'din l-istanza – talab li dik il-Qorti joghgobha tiddeciedi billi:

"**1**. tiddikjara li t-tul ta' zmien li ttiehed sabiex jigu konkluzi l-proceduri fil-konfront tieghu fir-rigward ta' l-akkuza mahruga kontra tieghu fit-22 ta' Mejju 2002 jammonta ghal zmien irragjonevoli u in vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea[1] (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta);
**2**. tiddikjara li s-sejba *(sic!)* ta' htija tar-rikorrent minkejja nuqqas ta' prova kif misjuba fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fl-20 ta' Settembru

[1] Proprajament Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jiha inkorporata, permezz ta' l-Ewwel Skeda, fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. L-Artikolu 6 tal-Att, infatti, jitkellem dwar l-enforzar ta' decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg u mhux dwar smigh xieraq.

2007 fl-ismijiet *"il-Pulizija v. David Marinelli"* hija bbazata fuq presunzjoni ta' htija bi vjolazzjoni tal-presunzjoni ta' l-innocenza fl-ambitu tad-dritt ghal smigh xieraq protett taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta); u **3.** taghti dawk ir-rimedji effettivi u li jindirizzaw tali vjolazzjonijiet b'mod effettiv hekk kif jidhrilha xierqa u opportuni fosthom li tiddikjara s-sentenza moghtija mill-Qonorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet *"Il-Pulizija v. David Marinelli"* bhala nulla u minghajr effett u konsegwentement li ma jkun hemm ebda indikazzjoni ta' dik is-sentenza fuq ic-certifikat tal-kondotta tar-rikorrent, oltre l-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens kif ukoll ir-rifuzjoni tal-multa imposta mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq ir-rikorrent minnu mhallsa dak in-nhar ta' l-20 ta' Settembru 2007 li giet profferita s-sentenza revokatorja taghha."

**4.** Fir-risposta taghhom tat-18 ta' Jannar 2008, l-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija – appellati odjerni – jghidu li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Apparti argumenti riferibbilment ghall-kwistjoni tad-dewmien – argumenti li din il-Qorti mhix ser tirrepeti stante li dwar id-dewmien ma hemmx appell – l-intimati fissru li l-lanjanza tar-rikorrent li *"s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija milquta minn presunzjoni ta' htija minkejja li ma giex pruvat ecc."* ma taghmilx sens. Huma jsostnu li kullma ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien li nterpretat il-ligi w applikatha ghall-fatti li rrizultawlha, u li b'dak li ghamlet dik il-Qorti ma gie lez ebda dritt fondamentali fir-rigward tal-presunzjoni tal-innocenza.

**5.** Quddiem l-ewwel Qorti, apparti diversi dokumenti ezibiti mir-rikorrent biex juri l-kapacitajiet professjonali tieghu (*curriculum vitae* u certifikati ta' proficjenza professjonali fil-kontabilita` u ragjonerija) u noti ta' osservazzjonijiet[2], hemm ezibit ukoll l-affidavit tar-rikorrent[3] li fih, lejn l-ahhar tieghu, jinghad hekk:

---

[2] Tar-rikorrent, a fol. 53 sa 65, u tal-intimati minn fol. 67 sa 74.
[3] Fol. 18 sa 21.

"Jien qieghed naghmel din il-kawza ghaliex is-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fl-20 ta' Settembru 2008 [recte: 2007] tistabilixxi stat ta' dritt bejni u bejn l-Istat ta' Malta fis-sens li jien hati talli ksirt ligi kriminali ta' dan il-pajjiz cioe` l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 373. Jien instabt hati indipendentement mill-buona fede tieghi bhallikieku l-proviso ta' l-istess artikolu tal-ligi ma kienx hemm ghaliex il-fatt li jien ma kontx naf jew nissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni kien irrelevanti ghal dik il-Qorti. Wara l-pronuncjament tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali irrizulta li jien ma kelli ebda *via di scampo*. Mil-lat kriminali dik hija l-ligi izda kostituzzjonalment dan jilledi d-dritt fondamentali tieghi ghaliex fic-cirkostanzi hadmet il-presunzjoni tal-htija kontra tieghi u mhux il-presunzjoni ta' l-innocenza tant li bir-ragunament ta' dik il-Qorti ma kien hemm ebda mod kif jien stajt nigi minnha illiberat minn kull imputazzjoni u htija. Ghaliex inhoss li jien ma ghamilt xejn hazin u illegali, ghaliex inhoss li b'dak li ghamilt jien ma stajtx nippregudika u fil-fatt jien ma ppregudikajt ebda investigazzjoni u fuq kollox, fic-cirkostanzi tal-kaz, jien ma kontx naf jew nissuspetta li jien stajt ippregudikajt tali investigazzjoni u ghaliex b'danakollu...jien instabt hati u gejt ikkundannat fuq presunzjoni ta' htija u mhux ghaliex din il-htija giet ippruvata fil-konfront tieghi biex tali prova ta' htija tigi li ghelbet id-dritt tieghi ta' presunzjoni ta' l-innocenza w ghaliex dan kollu ddanneggjani kemm fuq livell personali kif ukoll fuq livell professjonali…".

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**6.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza moghtija fit-3 ta' Lulju 2008, laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent u ddikjarat li t-tul ta' zmien li ttiehed sabiex jigu konkluzi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu kien jammonta ghal zmien irragjonevoli in vjolazzjoni ta' l-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, izda cahdet it-tieni talba (dwar il-presunzjoni ta' l-innocenza); dik il-Qorti kkundannat lill-intimati sabiex, solidament bejniethom, ihallsu lill-imsemmi David Marinelli s-somma ta' €465 (erba' mija w hamsa w sittin Euro)

bhala kumpens ghad-dewmien fuq indikat. Ordnat ukoll li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dik il-Qorti waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li ghamlet dawn l-osservazzjonijiet u riflessjonijiet:

“Illi jirrizulta li r-rikorrent ghadda proceduri kriminali peress li kien akkuzat bi ksur tal-artikolu 4(2) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalkemm hu gie lliberat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali b’sentenza tas-17 ta’ Mejju, 2007, wara appell tal-Avukat Generali, hu kien instab hati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali b’sentenza ta’ l-20 ta’ Settembru, 2007, u immultat is-somma ta’ Lm50. Ir-rikorrenti ressaq zewg ilmenti ta’ natura kostituzzjonali kontra dik is-sentenza. Fl-ewwel lok, jilmenta li d-dikjarazzjoni ta’ htija hija fondata fuq prezunzjoni li tmur oltre u hija vjolattiva tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza rikonoxxuta u protetta fl-ambitu tad-dritt ghal smiegh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fit-tieni lok, jilmenta li t-tul ta’ zmien li hadet il-kawza biex tigi deciza jammonta ghal zmien irragonevoli kontra dak li jipprovdu l-istess artikoli imsemmija.

“Trattat l-ewwel ilment, l-artikolu li tahtu r-rikorrent instab hati huwa s-segwenti:

**“4(2) Meta jkun sar jew ikun intalab ordni ta’ investigazzjoni, kull min, meta jkun jaf jew ikollu suspett li tkun qed issir l-investigazzjoni, jikxef illi qieghda issir investigazzjoni jew jikxef xi haga ohra li tista’ tippregudika l-imsemmija investigazzjoni ikun hati ta’ reat u jehel, meta jinsab hati, multa ta’ mhux izjed minn hamest elef lira jew prigunerija ghal mhux izjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u prigunerija flimkien:**

**“Izda fi procedimenti ghal reat taht dan is-subartikolu, l-akkuzat ikun jista’ jiddefendi ruhu billi jipprova illi huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta’ jippregudika l-investigazzjoni”.**

"Ir-rikorrent jilmenta li fis-sentenza taghha l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ddisapplikat il-proviso ta' dan is-subartikolu, u dawret ir-reat ghal wiehed bazat fuq presunzjoni ta' htija li jmur kontra l-presunzjoni tal-innocenza.

"Il-kwistjoni dwar il-validita` o meno tal-presunzjoni ta' htija fil-kamp kriminali gie trattat u deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Repubblika vs Molyneaux**, deciza fl-1 ta` April, 2005. Dik l-Onorabbli Qorti studjat *funditus* il-kwistjoni, u waslet ghal konkluzzjoni li:

*""there is no doubt that, apart from Malta's declaration referred to above, Article 6(2) of the Convention does not in principle prohibit presumptions of fact or of law and "reverse onus provisions"*.

"Din il-konkluzjoni dik l-Onorabbli Qorti waslet ghaliha wara li, fi kliemha:

*""This Court has had the benefit not only of extensive arguments by learning counsel on both sides, but also the benefit of reading several judgements of the European Court of Human Rights and of the Court of Appeal of England and Wales and of the House of Lords to which learned counsel also referred"*.

"Fil-fatt, fis-sentenza, hemm riferenza kopjuza ghad-duttrina u l-gurisprudenza fuq il-punt in materja, u dina l-Qorti ma tarax li hemm lok tirrepeti l-istudju li ghamlet dik l-Onorabbli Qorti, u tista' biss issir referenza ghal dik id-decizjoni. Jista' jizdied biss li din l-Qorti taqbel mal-principju kif enuncjat f'dik is-sentenza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

"Issa hu veru li f'dik il-kawza, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kienet iddikjarat li l-artikolu tal-ligi attakkat f`dawk il-proceduri (l-artikolu 26(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101) jilledi d-dritt ghas-smiegh tal-akkuzata fil-proceduri kriminali relattivi, pero`, dan ghamlitu wara ezami tal-fattispeci partikolari tal-kaz, u wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*““While this Court fully appreciates the reasons behind subsection (2) of Section 26, the absolute way in which this provision is drafted not only effectively and substantially deprives the accused person of the possibility of any reasonable defense to a charge of possession of, and trafficking in, a dangerous drug but, more importantly deprives the court of the power to assess the evidence and to tailor the punishment according to the moral blameworthiness of the accesed. In fact, if an accused, indicted before the Criminal Court, proves to the satisfaction of that Court that he genuinely believed that he was importing, for instance, a pornographic film in cassette form, but the cassette turns out (unbeknown to him) to be packed with heroin, he nontheless faces a term to imprisonment ranging from a minimum of four years to a maximum of life imprisonment (and, if a determinate sentence of imprisonment is imposed – which may be of up to thirty years – there is the addition of a fine ranging from a minimum of one thousand liri to a maximum of fifty thousand liri). The punishment under the Customs Ordinance (Cap. 37) for the importation of such a pornographic cassette is a fine not exceeding twenty-five liri or such fine together with imprisonment not exceeding two years; and the punishment for such importation under Section 208 of the Criminal Code is of imprisonment for a term not exceeding six months or a fine not exceeding two hundred liri or both such fine and imprisonment. The expressions “it shall not be a defense to such charge” and “or of any other law” in subsection (2) of Section 26 have the cumulative effect that, in the example given, the accused has to be treated by the court as if he “knowingly” imported into Malta the amount of drug found in the cassette, irrespective of what the accused actually believed to be in the cassette. This clearly places the accused at a great, indeed disproportionate, disadvantage vis-à-vis the prosecution, a disadvantage that he has absolutely no chance of redressing whatever the evidence he adduces with regard to the formal element of the offence. Such an imbalance strikes against the very foundations of the fairness of any criminal trial. The situation would, of course, be different if*

*the accused knew, or reasonably suspected, that he was carrying some form of prohibited drug, even though not necessarily the drug or type of drug actually found in his possession – the presumption of knowledge in this case, even if irrebuttable, would be perfectly reasonable (this, indeed, appears to be the position in England under Section 28(3)(a)(b) of the Misuse of Drugs Act, 1971)".*

"Issa f`dan il-kaz, ir-rikorrent mhux qed jallega li l-ligi fiha innifisha ccahhad lil akkuzat mid-dritt ta' difiza, izda qed jallega li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, waslet ghal eskluzjoni tal-buona fede tieghu, *"biex b'hekk giet dizapplikata l-proviso tal-imsemmi artikolu tal-ligi"*.

"Din il-Qorti ezaminat id-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-20 ta` Settembru, 2007, izda ma ssibx li dik il-Qorti "dizapplikat" il-proviso ghas-subartikolu in kwistjoni fis-sens allegat. Dik il-Qorti qiesitu l-proviso in kwistjoni, izda sabet li ma saretx il-prova mehtiega. Is-subartikolu in kwistjoni jipprovdi li jekk jirrizulta li persuna tikxef illi qieghda issir investigazzjoni taht dak l-att, hi tkun hatja ta' reat, pero`, tista' tinheles mill-imputazzjoni jekk tipprova *"illi huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni"*. Fil-waqt li kemm l-ewwel Qorti kif ukoll dik tal-Appell qablu li r-rikorrent kien kixef l-ezistenza tal-investigazzjoni bi ksur tal-ligi, l-ewwel Qorti sabet li l-akkuzat kien wera li ma kienx jaf li seta' jippregudika l-investigazzjoni, u allura illiberatu mill-imputazzjoni relattiva, izda it-tieni Qorti ma sabitx li l-provi kienu jwaslu ghal tali konkluzzjoni. Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali osservat li *"hawn ma kienetx kwistjoni ta' buona fede o meno, imma jekk saritx il-prova ghall-inqas sal-grad tal-probabli mistennija mill-appellat (l-akkuzat), li huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni"*.

"Il-kwistjoni kollha kienet idur fuq analizi u apprezzament tal-provi, u f'dan l-apprezzament din il-Qorti m'ghandhiex tindahal. Il-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabet li l-akkuzat bl-agir tieghu wera li kien jaf jew seta' jissuspetta li setghet tigi infixkla l-investigazzjoni, ma jfissirx li dik il-Qorti *"dizapplikat"* il-proviso. Ghalkemm fil-ligi in kwistjoni

hemm dak li jissejjah bhala *“reverse onus provision”*, l-akkuzat, a differenza mill-kaz riportat **Repubblika vs Molyneaux** inghata ampia opportunita` mill-istess ligi jiddefendi l-presunzjoni migjuba kontrih, izda irid igib provi biex iwaqqa’ dik il-presunzjoni. L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali osservat ukoll li la darba l-piz tal-prova kien mixhut fuq l-akkuzat, l-oneru ma kienx ta’ prova *“beyond reasonable doubt”*, izda ta’ prova *“sal-grad tal-probabbli”*. Il-proviso in kwistjoni giet applikata mit-tieni Qorti u interpretata favur l-akkuzat, izda skond dik il-Qorti l-akkuzat ma gabx il-prova mistennija. Mhux kompitu ta’ din il-Qorti tanalizza l-provi hi fil-meritu, ghax dan kien jispetta lill-Qorti adetta fil-meritu. Li tista’ tghid din il-Qorti hu li la darba l-akkuzat, kemm *di diritto* kif ukoll *de facto*, inghata l-opportunita` jiskolpa ruhu, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tal-artikoli invokati mir-rikorrent.

“Trattat issa t-tieni ilment, dak relatat mad-dewmien fis-smiegh tal-kawza, jirrizulta li r-rikorrent gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta’ Gunju, 2002, u l-kaz gie determinat bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta’ Settembru, 2007.

“B’mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f’xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f’dawk il-proceduri, u b’mod partikolari: 1. in-natura u / jew komplessita` tal-kaz in kwistjoni; 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza; u 3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja stess.

“Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta` jew il-gieh tal-persuna jkunu *in issue*, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista` jaccetta certu dewmien, dan m’ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta’ natura kriminali. Ovvjament, kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jistghu

jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni.

“Fil-kawza **Bugeja vs l-Avukat Generali et**, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` Awissu, 2003, intqal li:

*““Biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kawza inqaghtetx fi zmien ragonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecie u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fosthom “the complexity of the case, and … the conduct of both the applicant and the competent authorities (Buchholz vs Germany 06/05/1981 para. 49), kif ukoll “the importance of what was at stake for the applicant in the litigation” (Gast & Popp vs Germany 25/02/2000 para. 70).*

*“Illi dan ifisser li kulhadd ghandu r-responsabbilita` tieghu u din il-Qorti thoss li mill-gurisprudenza nostrali u l-aktar ricenti, tistenna li jkun hemm process kemm jista’ jkun maghluq fi zmien ragonevoli, u f’dan il-kuntest kull parti, u kull organu ta’ l-istat ghandu r-responsabbilita` tieghu li ovvjament ghandhom jigu onorati specjalment fejn wiehed qed jitratta dwar drittijiet fundamentali, drittijiet li huma l-minimu li c-cittadin ikun u ghandu dritt jistenna, u li ghalhekk ma ghandux jigi mcahhad minnhom”*.

“Issa, f’dan il-kaz, jirrizulta li wara hames seduti mizmuma quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha; dan kien fit-3 ta` Frar, 2003. Id-difiza talbet li tipproduci l-provi taghha f`dak l-istadju, u wara li ingiebet id-debita proroga, id-difiza resqet il-provi taghha fi tlett seduti. Fis-seduta tas-7 ta’ April, 2003, saret trattazzjoni, u fid-9 ta’ April, 2003, l-imsemmija Qorti irrinvjat l-atti ghal quddiem l-Avukat Generali wara li ddikjarat li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-akkuzat jitqieghed taht att ta’ akkuza.

“Sa hawn ma jistax jinghad li kien hemm xi dewmien esagerat jew xi hela ta’ zmien. Fil-fatt, jirrizulta li l-Qorti Istruttorja ghamlet ix-xoghol taghha f’anqas minn sena, u kien hemm uzu tajjeb tal-hin allokat ghal din il-kawza.

“Wara dan saru madwar erbghin-il seduta ohra sakemm il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ gurisdizzjoni Kriminali tat is-sentenza taghha (li biha illiberat lill-imputat) fis-17 ta’ Mejju, 2007. Minn dawn is-seduti, sitta ma sarux ghax il-Magistrat sedenti kien indispost, tlieta ma sarux fuq talba tal-akkuzat, seba’ ohra gew differiti bi qbil bejn iz-zewg nahat meta kienu qed jinstemghu l-provi tad-difiza u 23-il udjenza gew utilizzata mill-prosekuzzjoni fuq rinviji tal-Avukat Generali. L-Avukat Generali baqa’ jibghat rinviji mit-12 ta’ Mejju, 2003, sal-21 ta’ April, 2005. Hu interessanti li l-prosekuzzjoni tlett darbiet iddikjarat li definittivament m’ghandhiex provi aktar, izda xorta saru rinviji mill-Avukat Generali. Id-difiza bdiet tressaq il-provi ulterjuri taghha fl-4 ta’ Lulju, 2005; fit-12 ta’ Jannar, 2006, id-difiza ghalqet il-provi, gew skambjati noti ta’ sottomissjonijiet u fis-16 ta’ Ottubru, 2006, il-kawza thalliet ghas-sentenza li nghatat, kif inghad, fis-17 ta’ Mejju, 2007.

“Il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha, illiberat lill-imputat. L-Avukat Generali appella, u l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, f’zewg seduti, semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u tat is-sentenza taghha fl-20 ta’ Settembru, 2007.  L-imputat instab hati minn din l-ahhar Qorti u gie immultat is-somma ta` Lm50. Zgur li ma jistax jinghad li kien hemm xi dewmien meta l-kawza kienet quddiem din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

“Mhux l-istess jista’ jinghad, pero`, ghaz-zmien li hadet il-prosekuzzjoni biex tressaq il-provi ulterjuri taghha wara li l-Qorti Istruttorja kienet tat digriet li l-akkuzat seta` jitpogga taht att ta’ akkuza. Kif inghad, il-prosekuzzjoni hadet 23 seduta biex ghalqet il-provi taghha u dan biex tisma’ hames xhieda! Fil-fatt, minn dawn it-23 seduta, hamsa biss gew utilizzati ghas-smiegh tax-xhieda, u wiehed mix-xhieda, Dr. A. Bartolo, itella jixhed tlett darbiet!

“Din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni tal-kawza tul is-sentejn li kienu qed isiru rinviji ma kienx wiehed ghaqli u ma sarx b’debita attenzjoni u kura.  Kien hemm drabi li l-akkuzat ma giex mharrek biex jidher ghas-seduta, hafna drabi ohra meta l-prosekuzzjoni, flok resqet provi, talbet aktar zmien biex tressaq xhieda ohra, xhud partikolari, Dr. A.

Bartolo, kif inghad itella tlett darbiet, u drabi ohra meta l-Avukat Generali talab li ssir seduta *“ghas-smiegh ta’ kull prova ohra li ggib il-Pulizija”*, meta din kienet gia` iddikjarat li ma kellhiex provi ohra.

“Hu veru li l-kaz kien wiehed innovattiv, pero`, ma kienx daqshekk kompless li kien jimmerita daqshekk tul. Dr. A. Bartolo kien gia` xehed qabel ma l-Qorti Istruttorja iddekretat li kien hemm bizzejjed provi biex l-akkuzat jitqieghed taht att ta’ akkuza, u ma kellux ghalfejn jerga’ jitella tlett darbiet ohra. Jekk kien hemm htiega li jikkjarifika xi haga mid-deposizzjoni tieghu, ma kellux ghalfejn jitella’ fi tlett seduti biex jaghmel dan. Zgur ma kienx hemm bzonn ta’ 23 seduta biex jinstemghu hames xhieda! Bejn it-12 ta’ Jannar, 2004, sal-4 ta’ Ottubru, 2004, saru diversi seduti ghal xejn, u dan meta kienu gia` instemghu erba’ xhieda, fosthom Dr. A. Bartolo darbtejn. Il-Qorti tara li, minn naha tal-prosekuzzjoni u l-Avukat Generali l-kawza ma gietx segwita bid-debita speditezza, u b’naqra impenn u attenzjoni, l-kaz kellu jinghalaq mill-prosekuzzjoni fi tlieta jew erba’ seduti wara d-digriet tad-9 ta` April, 2003.

“Ghalhekk, il-Qorti tara li kien hemm dewmien zejjed fl-*iter* tal-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u ghal dan jahtu z-zewg intimati flimkien u *in solidum*. Minhabba dan in-nuqqas, din il-Qorti ma tarax li ghandha tipprovdi biex thassar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, specjalment meta tqies li s-sentenza ta’ din il-Qorti hi gusta u ma inghatatx bi ksur ta’ xi principju legali jew ta’ xi dritt fundamentali tar-rikorrent. Il-Qorti sejra, minflok, tipprovdi somma ta’ flus bhala kumpens ghad-dewmien fis-smiegh tal-kawza.”

**<u>L-appell ta’ David Marinelli</u>**

**7.** Kif inghad, minn din is-sentenza appella biss ir-rikorrent Marinelli (naturalment limitatament ghall-kwistjoni tal-allegat ksur ta’ smigh xieraq minhabba l-presunzjoni, jew ahjar in-non osservanza tal-presunzjoni, ta’ l-innocenza). Huwa qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instab li kien hemm

dewmien irragjonevoli u fejn gie likwidat kumpens favurih ta’ €465, izda thassarha u tirrevokaha fil-bqija (cioe` fejn gie dikjarat li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-presunzjoni tal-innocenza) u li minflok din il-Qorti ssib li kien hemm lezjoni tal-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament <u>ukoll</u> minhabba ksur tal-imsemmija presunzjoni, u taghti rimedju ghal dan il-ksur l-iehor, fosthom billi tannulla s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, tillikwida kumpens (addizzjonali ghal dak gja` likwidat), u tordna r-rifuzjoni tal-multa inflitta u mhallsa.

**8.** L-aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, li l-ewwel Qorti ssorvolat id-distinzjoni “bazika” bejn li l-akkuzat “jintalab jaghmel prova evidenzjarja u cioe` prova li biha jiddahhal suspett fit-tezi tal-prosekuzzjoni u dik il-prova perswaziva dwar element baziku ta’ reat fejn l-akkuzat innifsu jitqieghed f’posizzjoni li jkollu jaghmel prova dwar element baziku ta’ l-istess reat”. Huwa jikkontendi li l-ispostament tal-prova huwa dejjem eccezzjoni ghar-regola, u meta jkun hemm tali spostament irid jigi rispettat “il-principju tal-proporzjonalita`” u tali spostament irid ukoll ikollu “ghan legittimu”. L-appellant jerga’ jtenni dak li kien gja ssottometta diversi drabi quddiem il-Prim Awla, u cioe`:

“L-esponent jissottometti bir-rispett illi meta l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ddikjarat hija stess illi l-kondotta ta’ l-esponent kienet wahda incensurabbli u iddikjarat dan ghab-bazi tal-provi mressqa mill-partijiet, izda minkejja dan sabet li gie kommess reat, huwa car li dan sar ghaliex dik il-Qorti applikat b’mod zbaljat l-artikolu 4(2) ta’ l-Att kontra *Money Laundering*. L-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu kienet wahda zbaljata ghaliex dan gie applikat b’mod fejn twarrbet il-presunzjoni ta’ l-innocenza.”

**9.** Skond l-appellant, il-Qorti tal-Appell Kriminali, ghalkemm esprimiet dubju dwar l-ezistenza ta’ element tar-reat, xorta wahda sabitu hati. Huwa jikkwota estensivament mis-sentenza tal-House of Lords **R. v. DPP *ex parte* Kebilene and others** (sentenza Ingliza li, incidentalment, gie ikkunsidrata wkoll minn din il-Qorti fis-

sentenza taghha tal-1 ta' April 2005 fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux**, peress li kienet giet imsemmija u kkwotata mill-Prim Awla fis-sentenza taghha, sussegwentement revokata, f'dik il-kawza). Huwa jinsisti li l-mod kif il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ittrattat l-ispostament tal-oneru tal-prova wassal biex effettivament iddizapplikat "l-proviso ta' l-artikolu 4(2) ta' l-Att tal-1994 kontra il-*Money Laundering*...fil-konfront tieghu biex b'hekk huwa ma setax ma giex ikkundannat kif fil-fatt gie minn dik il-Qorti". "Malli dik il-Qorti," ikompli l-appellant b'referenza ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, "eskludiet il-buona fede, biex tkun konsistenti maghha nnifisha, ma kellhiex triq ohra hlief li ssib li l-appellant odjern ma ppruvax li ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni. Ghaliex, eskluz l-animu li bih agixxa l-esponent appellant, kif qatt seta' jipprova li ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni? U dan ghaliex dik il-Qorti dahlet lilha nfisha fuq binarju li bil-fors kellu jwassal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha minkejja dak li hi stess sejhet 'il-kondotta incensurata' tar-rikorrent appellant."

**10.** L-appellati, fir-risposta taghhom, fissru li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, in kwantu cahdet it-talba ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-presunzjoni ta' innocenza, kienet wahda gusta u kellha tigi konfermata. Huma jostnu li dak li qed jipprova jaghmel l-appellant huwa li jistieden lil din il-Qorti biex "terga' tiftah il-kaz mill-gdid u tezamina l-fatti biex tikkonstata jekk fil-fatt ir-reat jissussistix". Skond l-appellati, il-kaz in ezami qatt ma kien kaz ta' presunzjoni o meno ta' htija, izda kien kaz unikament ta' apprezzament ta' fatti u valutar dwar il-kwistjoni jekk il-fatti kif stabbiliti jinkwadrawx ruhhom fl-ambitu ta' dak li hemm mehtieg biex jissussisti reat skond l-Artikolu 4(2) tal-Att in kwistjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**11.** Jibda biex jinghad li, kif gie diversi drabi osservat, il-proceduri kostituzzjonali (inkluzi proceduri ghal rimedju skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 319) ma humiex intizi

biex iservu ta' "appell" minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat, u dan specjalment meta si tratta ta' allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni (id-dritt ghal smigh xieraq). Kif jirrilevaw l-edituri tar-raba' edizzjoni ta' **Jacobs & White *The European Convention on Human Rights*** [4]:

"Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact, or the application of national law to them, for the conclusions of the domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is *not* to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6." [5]

---

[4] OUP (2006).

[5] *Op. cit.* p. 159. Fl-istess sens ara Reid, K. **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London) 2004, p. 58: "The Commission frequently stated, and the Court continues to emphasise, that the Convention organs are not courts of appeal from domestic courts and cannot examine complaints that a court has made errors of fact or law or reached the wrong decision or that a person was, for example, wrongly convicted. They will not enter into the merits of decisions…From the Convention point of view it is not so much the result that is in question but the process of 'hearing'."

**12.** Dan japplika wkoll fuq livell domestiku. Il-proceduri kostituzzjonali u taht il-Kap. 319 ma humiex intizi biex jerga' jigi ezaminat il-meritu ta' kawzi, izda huma limitati ghalbiex jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' dritt fondamentali fil-kors, jew b'rizultat, ta' dawk il-proceduri. Dan ifisser li spiss ikun mehtieg li din il-Qorti – u l-Prim Awla qabilha – jezaminaw bir-reqqa l-procedura li tkun giet segwita f'kaz partikolari, jew dak li jkun inghad f'sentenza partikolari, biex jigi determinat jekk kienx hemm o meno tali lezjoni[6]. U, a differenza tal-Qorti ta' Strasbourg, kemm il-Prim Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha kif ukoll din il-Qorti ghandhom is-setgha li, bhala rimedju, jannullaw sentenza li tkun inghatat[7].

**13.** Issa, dak li qed jigi allegat f'dan il-kaz huwa li, bis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2007 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali illediet id-dritt tal-appellant David Marinelli ghal smigh xieraq billi naqset milli tapplika l-presunzjoni ta' l-innocenza (Art. 6(2) tal-Konvenzjoni u Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni) u dan billi, kif jinghad fir-rikors promotorju, "iddizapplikat" il-proviso tal-Art. 4(2) tal-Kap. 373.

**14.** Issa, apparti dak li jipprovdi l-proviso tas-subartikolu (5) tal-imsemmi Artikolu 39, il-posizzjoni ta' "reverse onus provisions" giet kunsidrata mhux biss fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux**, gja` msemmija, izda aktar recentement f'zewg sentenzi (ukoll ta' din il-Qorti, izda diversament komposta), it-tnejn moghtija fit-18 ta' Gunju 2008, fl-ismijiet **Andrew Ellul Sullivan et v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** [8] u **Andrew Ellul Sullivan et v. L-Avukat Generali et** [9]. Is-sens ta' dawn is-sentenzi, li abraccjaw il-gurisprudenza kemm tal-Qorti ta' Strasbourg kif ukoll tal-oghla qrati Inglizi, jista' jigi

---

[6] Ara, per ezempju, **Patrick Mangion v. Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija** Q.K. 27/1/2006.

[7] Ara **Emanuel Gauci v. L-Avukat Generali** Q.K. 26/5/06; **Joseph Portelli v. Il-Pulizija (Spettur M. Mallia)** ***et*** Q.K. 10/11/2008.

[8] Rik. nru. 10/03 JRM

[9] Rik. nru. 651/98 GV

riassunt brevement fi kliem Karen Reid (ara nota *in calce* nru 5, *supra*):

"Rules which impose presumptions of law and fact which act to place the burden on the defendant to rebut them are not *per se* contrary to Art. 6, para. 2. They must however be confined within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and the rights of the defence. In particular, the operation of presumptions must not strip a trial court of any effective power of assessment of the facts or guilt." [10]

**15.** Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appellant mhux jilmenta li l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 373 huwa *per se* leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu, izda li fil-kaz tieghu u bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali aktar 'il fuq imsemmija kien hemm "dizapplikazzjoni" (jew applikazzjoni hazina) tal-proviso tal-imsemmi Art. 4(2)[11]. Fi kliem iehor jikkontendi li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ipprivatu mill-possibilita` li qatt jista' jiddefendi ruhu billi m'applikatx, jew applikat hazin, l-imsemmi proviso.

**16.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-20 ta' Settembru 2007 izda, bhall-Prim Awla qabilha, ma tista' ssib ebda riskontru ta' xi "dizapplikazzjoni" (jew applikazzjoni hazina) ta' l-imsemmi proviso. Jidher car, in fatti, mis-silta li ser tigi hawn taht riprodotta, li dak li ghamlet ossia sabet jew qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien semplicement li Marinelli ma kienx irnexxielu jipprova – imqar fuq bazi ta' probabbilita` – illi huwa ma kienx jaf jew ma kienx jissuspetta illi l-kxif minnu (lil certu Michael Degiorgio) ta' l-ezistenza ta' investigazzjoni taht il-Kap. 373 seta' jippregudika l-investigazzjoni. In fatti dik il-Qorti qalet hekk:

"Illi fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti ikkonkludiet gustament - fil-fehma ta' din il-Qorti - li l-appellat la kellu dritt u lanqas xi obbligu li jinforma lil

[10] *Op. cit.* p. 155, para. IIA-148.
[11] L-Artikolu 4(2) u l-proviso in kwistjoni huma riprodotti fis-sentenza appellata.

Michael Degiorgio bl-*investigation order* li kienet irceviet is-socjeta` li taghha hu kien il-managing director[12] u li kien zbalja meta ghamel hekk. Ikkonkludiet gustament li dan il-kxif seta' ppregudika l-investigazzjoni, konsidrat li l-imsemmi Degiorgio kien direttur u proprjetarju ta' socjetajiet fl-esteru li setghu kienu in kuntatt mall-persuni suspettati. B'dana kollu lliberat lill-appellat ghax irriteniet li hu kien in buona fede u agixxa minghajr malizja minnhabba r-relazzjonijiet stretti li Degiorgio kellu mas-socjeta` Portman Consultants International Limited. Ikkonkludiet ukoll li l-appellat kien ipprova li huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni.

"Din il-Qorti ma taqbilx ma din l-ahhar konkluzjoni pero` , li hi in kontra-oppozizzjoni ma' dak li kkonkludiet qabel. Meta l-appellat iddecieda li jikkopja lil Degiorgio bl-*Order*, dan ma ghamlux biex jottjeni xi parir jew direttiva minnghand Degiorgio dwar kif kellha timxi f'dan il-kaz is-socjeta` Maltija. Ghamlu biss "*for your information".* L-appellat inoltre kien jaf li wiehed mill-persuni indagati fl-*order* kien jaf sew lil Degiorgio u li kien ilu jafu sa minn zmien qabel is-sena 1997. Li hu kien jaf jew seta' jissuspetta li setghet tigi imfixkla l-investigazzjoni bl-informazzjoni li hu ta lil Degiorgio johroq impliciter mill-fatt li kif stqarr hu stess (fol. 36) hass il-htiega li javza lil Degiorgio biex ma jsemmi xejn ma Patrick Spiteri, ghax forsi ma kienx intiz fuq il-ligi Maltija.

"Mela l-appellat kien konxju bl-implikazzjonijiet tal-azzjoni tieghu u dan hu bizzejjed biex jirrizulta r-reat in dizamina u jigi eskluz l-effett tal-proviso ghall-artikolu 4 (2).

"Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu ben fondat u l-appellat kellu logikament u legalment jigi misjub hati mill-Ewwel Qorti tar-reat dedott kontra tieghu. Hawn ma kientx kwistjoni ta' *buona fede* o meno, imma jekk saritx il-prova ghall-inqas sal-grad tal-probabbli mistennija mill-appellat, li huwa ma

[12] Is-socjeta` Portman Consultants International Limited li taghha Marinelli kien Managing Director.

kienx jaf jew jissusspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni.

"L-appellat kien jaf sew x'tghid il-ligi u ma kellux bzonn xi avviz jew *"warning"* fuq il-kopja tal-Ordni li giet notifikata lill-kumpanija li taghha kien managing director biex ikun jaf li m'ghandu jikkomunikaha lill hadd aktar ghajr lill-*compliance officer* Maria Galea. Dan jaccettah fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti (Fol. 108).

"Se mai il-konsiderazzjonijiet kollha dwar ir-relazzjonijiet partikolari u mill-qrib li Degiorgio kellu mas-socjeta` Portman Consultants International Limited, jistghu jinfluwixxu - kif ser jinfluwixxu - fuq il-piena li ghandha tigi erogata f'dan il-kaz imma mhux fuq il-kwistjoni tal-htija o meno tal-appellat li fil-fehma ta' din il-Qorti hija assodata bl-aktar mod lampanti." (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kostituzzjonali).

**17.** Dan hu li ddecidiet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u cioe` li l-appellat f'dik il-kawza kriminali ma kienx irnexxielu jipprova li hu ma kienx jaf jew li ma kienx jissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni. F'dan kollu ma hemm xejn sporporzjonat jew irragjonevoli, u anqas xi "ghan mhux legittimu". Ebda ammont ta' tidwir ta' kliem jew ta' "juxtapositioning" ta' kliem u frazijiet mehuda mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma jista' jbiddel dan il-fatt. Ma kien hemm, ghalhekk, ebda "dizapplikazzjoni" (wisq anqas applikazzjoni hazina) tal-proviso tal-Artikolu 4(2) u anqas ma gie l-appellant Marinelli – appellat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – b'xi mod ipprivat mill-possibilita` ragjonevoli u skond il-ligi li jiskolpa ruhhu. Din il-Qorti ma tistax taghti *via di scampo* lill-appellant billi tmur kontra dak li jirrizulta stabbilit bis-sentenza msemmija tal-20 ta' Settembru 2007, jew billi terga' tezamina l-fatti ta' dik il-kawza kriminali u tivvalutahom mill-gdid.

**Decide**

**18.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ikunu kollha a karigu ta’ l-appellant David Marinelli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------